# Is-Sliem

Mejju 2008 Nru. 224

**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307



**MARIJA: Veramant u naturalment Omm Alla!**

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

## F'MEJJU ...

Ta' kull sena, Mejju (lilna ż-Żebbuġin xi ftit aktar!) iġibilna tifkiriet, ċelebrazzjonijet li jimlewna bit-tjieba u l-ferħ u jqarrbuna lejn Alla. Norbtu lil Mejju (u lir-Rebbiegħa Maltija fl-aqwa tal-ġmiel u l-benna tagħha) mas-Safa, is-Seħer u t-Tjubija tal-**Madonna**; nagħmlu festa liturġika (fid-9 jum tiegħu) lil **San Ġorġ Preca**, l-ewwel Malti ddikjarat qaddis mill-Knisja Kattolika; u festa' liturġika oħra (f'kull 12 ta' dan ix-xahar ta' Mejju) lill-Patrun tal-Parroċċa tagħna, **San Filep ta' Agira!**

Tliet ċelebrazzjonijiet (tajjeb li nzertaw f'xahar wieħed – l-oħla xahar tas-sena, kif iħobbu jsejħulu l-poeti Maltin!), li għandna narawhom marbutin sew ma' xulxin!... U se nfisser għaliex.

**San Ġorġ Preca** kien devotissmu tal-Madonna, u kien iħobb, fost affarijiet oħrajn, jgħallem fuq is-sehem kbir li kellha Marija biex ġie Kristu l-Ħellies fid-dinja. Fi kliem ieħor, fuq il-MISTERU ta' l-Inkarnazzjoni. Bil-"*Fiat*" tagħha, kien itambar jgħallem San Ġorġ, Ġesù Kristu, Bin Alla, li għandu Persuna waħda (DIVINA), għaqqad is-sustanza (in-natura) Divina tiegħU mas-sustanza (in-natura) umana, meta, il-Verġni Ommu Marija, bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu, nisslitu f'ġufHa uman immakulat. **Huwa għalhekk li Marija hija verament u naturalment Omm Alla!**

Kien jisħaq, San Ġorġ Preca, li ħadd ma jista' jsir qaddis jekk ma jkunx devot tabilħaqq, bi mħabba sinċiera u ġenwina, tal-Madonna. Għax, ħadd ma jista jħobb lil iben, jekk ma jħobbx ukoll lil ommu! ... Mela, il-fatt li l-Patrun tagħna **San Filep** huwa wieħed mill-qaddisin fis-Sema, huwa l-akbar xiehda li, bħal San Ġorġ Preca nnifsu, kien tabilħaqq iħobb lill-Madonna, Omm Kristu Alla!

Tajjeb, għalhekk, li f'kull Mejju, naħsbu fuq dan kollu: is-sehem kbir li kellha Marija fil-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni, biex nagħrfuHa u nħobbuHa dejjem aktar, u biex, b'riżq din imħabbitna lejHa u, allura, lejn BinHa Ġesù, naslu, bħal San Filep u San Ġorġ Preca, għall-Premju Etern.

Il-Bambin Iberikkom!

*Fr. Daniel Cardona, Arċipriet.*

## ULIED IL-PARROĊĊA...

Dax-xahar, ftit kelmiet fuq il-qaddis u għaref reliġjuż, iż-**Żebbuġi Patri Dumnikan, l-Isqof AMBROĠ BUTTIGIEG**, li twieled fil-bidu tas-Seklu Sittax.

Meqjus bħala wieħed mill-eqdem, jekk mhux l-eqdem, fost l-ogħla Żebbuġin, **Patri Ambroġ** kien magħruf ferm għall-qdusija tiegħu u għall-għerf kbir tiegħu fid-Duttrina Kattolika. Il-Papa Ġulju III sejjaħlu Ruma u ħatru Isqof; u, fl-1550, bagħtu jservi bħala Nunzju Appostoliku fost il-Kaldin u, wara l-ħafna tibdiliet siewja li daħħal f'dik il-knisja, mar fl-Indji tal-Lvant, fejn miet f'Goa. Fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, insibu xbieha ta' dan l-**Isqof Żebbuġi, Patri Ambroġ Buttigieg,** imsieħba minn kitba ta' ġieħ.

**ĦAJR lil *Sister* JOSEPHINE AZZOPARDI, il-Madre tas-Sorijiet "Missjunarji ta' Marija", f'Ħal Mula, għal din il-kitba tagħha; u, ĦAJR, ukoll, lill-Mulej, fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju (f'April, ix-xahar li għadda) tal-Professjoni tagħha bħala Soru! INWEGĦDUHA T-TALB TAGĦNA LIL ALLA U LIL OMMU MARIJA, GĦAL AKTAR GRAZZJI, SAĦĦA U DEHEN BIEX TISSOKTA B'ĦIDMIETHA FEJJIEDA B'RIŻQ IT-TIXRID TAT-TAGĦLIM TA' KRISTU!**



**"Kien waqt it-talb, li Marija għarfet x'ried minnHa l-Mulej!"**

# KIF INĦOBBU LIL MARIJA

**minn *Sister* JOSEPHINE AZZOPARDI, il-Madre tas-Sorijiet Missjunarji ta' Marija, Ħal Mula**

Kull sena, ix-xahar ta' Mejju jfakkarna fil-Madonna, u għalhekk xieraq li nitkellmu ftit fuq din Ommna, li tant tħobbna. Darba, wieħed Żebbuġi, qalli: "Aħna veru li nħobbu lil San Filep, iżda d-devozzjoni tagħna lejn il-Madonna tisboq din l-imħabba; u dan jixhduh il-ħafna knejjes Żgħar, li għandna fir-raħal u madwaru, li huma kważi kollha ddedikati lill-Madonna taħt diversi titoli!" ...Iżda, l-imħabba tagħna lejn il-Madonna ma tistax tieqaf hawn – lanqas għandha tieqaf fil-purċissjonijiet fil-festi tagħHa u fix-xemgħa u l-fjuri li nagħmlu quddiemHa! Il-vera devozzjoni hija li aħna nippruvaw nimitaw almenu xi wieħed mill-virtujiet tagħHa: l-imħabba, il-paċenzja, is-sinċerità u oħrajn.

Li nimitaw lill-Madonna jfisser li nagħmlu dak li għamlet hi. Għexet ħajja moħbija, f'Nazaret. Hemmhekk, Hi qdiet id-doveri tagħha ta' omm u ta' mara miżżewġa, b'imħabba, fil-kwiet u mingħajr tgemgim. Fuq kollox dejjem aċċettat ir-rieda t'Alla anke meta din talbet sagrifiċċji kbar.

F'kull passaġġ tal-Vanġelu li jkellimmna fuq Marija, Hi dejjem tlaqqagħna ma Ġesù. Lil Marija, il-Mulej bagħtilha lill-Anġlu Gabrjiel biex juriHa liema triq riedHa tieħu. Hi ddiskutiet miegħU d-diffikultajiet li kellHa!... Żgħażagħ, qatt iddiskutejtu l-futur tagħkom – għal liema triq il-Mulej qiegħed isejħilkom? Qatt ħsibtu fuq il-ħajja saċerdotali u reliġjuża?... Aħsbu ftit kif

**Shakrib**

***Cut & Style***

**Triq Lazzru Pisani, Ħaż-Żebbuġ (Ħdejn il-Bandli, Viċin il-*football ground*)**

***Cuts & Blowdrys, Various Colour Techniques. Straightenings, Perms & Upstyles Opening Hours Tuesdays to Saturdays 9am to 6pm***

**Tel: 21463196**

**Mob: 79254869**

***Free Treatment with blowdry, for this month!***

***St. Mary Confectionary***

**Triq Mikiel Anġ Sapiano**

**Ħaż-Żebbuġ**

**Tel: 27014931**

*Mon - Sat*: 06.30am - 12.30pm
16.00pm - 19.30pm
*Sun*: 07.00am - 12.30pm.

Għall-ħtiġiet ta' kuljum, bħal ħobż, ħalib, *preserves*, pasti, xorb u spirti.

Ħobż tal-Malti frisk, kull nhar ta' Ħadd.
Pasti friski, kull nhar ta' Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd.

**LEZZJONIJIET tal-KITARRA**

**Għall-*BEGINNERS*, (minn 7 snin 'il fuq)**

**Ċempel lil PAULINE**

**Mob.: 79555015**

Marija għażlet dak li ried il-Mulej minnHa, minkejja t-tbatija li ġabet magħha din it-tweġiba!

U, intom, ġenituri, titkellmu ma' wliedkom fuq is-saċerdozju u l-ħajja reliġjuza? Tixtiequ, jew tibżgħu (?!) li, lil xi ħadd minn uliedkom, isejjaħlu/isejħilha l-Mulej?!... Titolbu, flimkien, bħala familja?... Kien waqt it-talb, li Marija għarfet x'ried minnHa l-Mulej!

Kif Marija saret taf bis-sitwazzjoni tal-qariba tagħha Eliżabetta, mill-ewwel ħasbet kif setgħet tagħtiha servizz! Telqet bil-għaġla, u baqgħet magħha għal madwar tliet xhur!.. Nagħrfuhom, aħna, il-ħtiġiet ta' l-oħrajn? Nagħmlu bħal Marija u nkunu pronti biex ngħinu, …jew nagħlqu għajnejna, basta aħna komdi u ma jonqosna xejn?!...

Wara l-viżita tar-rgħajja u l-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju, Marija qagħdet tgħożż dawn il-ġrajjiet f'qalbHa u taħseb fuqhom, bejnHa u bejn ruħHa.... Aħna, kemm aħna nies ta' riflessjoni?... Inħobbu s-skiet?... Kapaċi mmorru quddiem Ġesù Sagramentat u nitkellmu miegħU?... Nemmnu li l-familja li titlob flimkien, tibqa' flimkien?... Ngħożżu, bħal Marija, it-tagħlim li ħadna, u nkunu dejjem ħerqana li nisimgħu l-Kelma t'Alla u naħsbu fuqHa?...

Dawn kienu ftit riflessjonijiet mill-Vanġelu, fuq il-ħajja tal-Madonna. Nersqu tassew aktar lejn Marija, li tgħinna nagħmlu "dak li jgħidilna Hu". NitolbuHa biex tgħinna nkunu fost dawk l-imberkin li "jisimgħu l-Kelma t'Alla u jħarsuHa". **Hekk** inkunu tassew devoti ta' Marija!!

## AD MULTOS ANNOS!



**NIFIRĦU**
**liż-Żebbuġi**
**Father MICHAEL GATT**
**il-Kappillan tal-Parroċċa ta' St. Kieran, f'Osborne Park, WA, l-Awstralja, li, nhar it-30 ta' Marzu 2008, iċċelebra l-40 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu!**
**NITOLBU 'L-MULEJ JISSOKTA JSEDDQU F'ĦIDMIETU SAĊERDOTALI U JAGĦNIH BIS-SAĦĦA U D-DEHEN!**

## Is-"Skiet" ta' Sta BERNARDETTE:




Bernardette twieldet f'mitħna, fl-istorbju tat-tħin tal-qamħ!... Il-biki tagħha fixkel iċ-ċerimonja tal-Magħmudija tagħha, fid-9 ta' Jannar, l-għada li twieldet. ... Kien, dan, tbassir tat-tbatija li kellha ġġarrab f'ħajjitha?... Simbolu?!...

**(ara paġna 4 – Esperjenza ta' Żjara f'Lourdes).**

✝

**Doris Attard u l-familja jagħmlu offerta biex il-ġid li joħroġ minn din il-paġna jmur b'suffraġju għal ruħ is-Surmast Amante Attard.**




**GARAXX**
**(fil-livell tat-triq)**
10 piedi b'25 pied,
**Inkluż MAĦŻEN taħtu.**
**GĦALL-KIRI!**
*Fi Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ.*
*Mob.*: 79608608.

**FUNERAL SERVICES**
JOHN SPITERI
*(TAX-XEMA')*
*155, Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ*
*(Biswit il-Kunsill Lokali)*
*Tel: 2146 4286* *(matul il-jum)*
*Mob: 7946 4286* *(24 siegħa)*



# Il-Mawra Tiegħi f'LOURDES – Ġrajja Li Ma Ninsieha Qatt!

### Kitba minn MEMBRU TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Bħalma aktarx li jafu l-Kattoliċi kollha madwar id-dinja, din is-sena qegħdin infakkru l-150 anniversarju tad-Dehriet tal-Madonna, lil Bernardette Soubirous, f'Lourdes, fi Franza. Tmintax-il Dehra, li bdew fil-11 ta' Frar 1858 u spiċċaw fis-16 ta' Lulju ta' l-istess sena.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan l-anniversarju għażiż u importanti, dlonk qanqlitli fija ż-żjara li, ftit ilu, bħalma jagħmlu eluf kbar ta' nies ta' kull età, b'saħħithom u m'humiex, minn madwar id-dinja kollha, fosthom minn Malta, kont għamilt lil dan il-post qaddis, biex, mal-bqija, nagħti qima lill-Madonna!... Żjara li ma ninsieha qatt!!

Tibqa' ħajja, f'moħħi, iż-żjara ta' ġabra li għamilna lill-Knisja Parrokkjali, fejn iċ-ċkejkna Bernardette kienet tgħammdet, u ssieħbet fil-Knisja Kattolika! ...L-Oratorju ta' l-iSptar, fejn Bernardette kienet għamlet l-Ewwel Tqarbina tagħha!... Impressjonani l-*Cachot,* jiġifieri dak il-ħabs abbandunat fejn għexet għal xi żmien il-familja Soubirous!... Qisni għadni sal-lum taħt il-Bieb ta' *Saint Michel*.... u, fuq kollox, għadni mfawra bil-hena spiritwali u l-ħsus tal-Ġenna li mtliet ruħi bihom fil-Grotta (fil-Għar ta' Massabielle)!...

Nistqarr, iżda, li l-oħla ħlewwa, l-akbar tjieba, l-aqwa tqanqil, ħassejtu, meta, fost il-ħafna kant Marjan b'lingwi differenti ta' ħafna ġnus, smajt jidwi l-kant bil-Malti, minn ħutna Maltin u Għawdxin!... Bkejt bil-ferħ!... Ħassejt ġismi jqumli xewk xewk!!

Huwa faċli li ddur minn post għal ieħor, għax, apparti li, fl-art infisha, hemm marki li jiggwidawk, niftakar li, fil-bidu tal-vjaġġ, tawna *badge* (b'erba' taqsimiet) u, f'kull post li żorna, tawna *sticker*.

Esperjenza spiritwali qaddisa li nħeġġeġ lil kulħadd jgħaddi minnha, l-aktar matul din is-Sena tal-Ġublew li, matulha, dawk li jżuru Lourdes, jistgħu jirbħu Indulġenza Plenarja, mogħtija mill-Papa, jekk iqerru u jitqarbnu, jitolbu skond il-fehma tal-Papa, iqattgħu ftit ħin ta' Meditazzjoni u jgħidu l-Missierna, il-Kredu u xi talba Marjana jew it-talba tal-Ġublew.

Aktar minn ċerta li, dawk kollha li jżuru Lourdes, jiltaqgħu spiritwalment, bħali, mal-Madonna, u wkoll bħali, din l-esperjenza qaddisa, imbagħad, ma jinsewha qatt!!

**TWANNY SPITERI U WENZU PSAILA**
**Funeral Service**
*24 Hour Service*
4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.
**Servizz tal-Kor**
**BLA ĦLAS**
Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168, 9923 5092

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE